**MALTA**
**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 7/11VG**

**Anthony u Michelina konjugi Magro, Robert u Nathalie ahwa Magro, Charles u Mariella konjugi Magro, Joseph u Nazzarena konjugi Cassar**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 15 ta' Ottubru 2015**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Anthony u Michelina konjugi Magro, Robert u Nathalie ahwa Magro, Charles u Mariella konjugi Magro u Joseph u Nazzarenza konjugi Cassar fit-8 ta' Frar 2011 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-kontijiet mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni datati 11 ta' Jannar 2011 bir-Referenza IV111014 u IV 111015;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li: (i) preliminarjament it-talba tar-Rikorrenti hija nulla peress illi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mhux versu l-agir tal-Perit mahtur minnu; u stante li (ii) it-talba tar-Rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont pretiz minnu huwa dovut fl-intier tieghu;

Ra li in segwitu ghal korrezzjoni mitluba mir-Rikorrenti u awtorizzata mit-Tribunal b'Digriet moghti fit-18 ta' April 2011, fis-sens illi l-kliem fit-talba tar-Rikorrenti "id-decizjoni tal-Perit mahtur mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fir-rigward ta' l-estimazzjoni tal-valur tal-fond numru 65, Casa Rustica, Triq il-Habbiez, Qormi" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Tribunal jirrevoka l-kontijiet mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni datati 11 ta' Jannar 2011 bir-Referenza IV 111014 u IV 111015", il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rtira l-eccezzjoni preliminari sollevata minnu;

Ra li b'Digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2012 it-Tribunal ordna li fir-Rikors promotur u kull fejn mehtieg fl-atti, l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi u dan a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 li dahal fis-sehh bl-Avviz Legali 16 ta' l-2012;

Ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota ipprezentata fit-3 ta' Marzu 2011 markati Dok. "CSD1" sa' Dok. "CSD4" u permezz ta' Nota ipprezentata fil-15 ta' Marzu 2012 markati Dok. "MA1" u Dok. "MA2" ;

Sema' x-xhieda ta' Carmel Magro moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju 2011 u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CM1" u Dok. "CM2", sema' x-xhieda ta' Anthony Magro, Nathalie Magro u Nazzarena Cassar ilkoll moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2011, ix-xhieda tal-Perit George Chetcuti moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2012, ix-xhieda tal-Perit Mario Axisa moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2012 u x-xhieda ta' Ivan Azzopardi in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Settembru 2012 u tal-5 ta' Dicembru 2012 u ra dokumenti esebiti minnu markati Dok. "IP";

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti Anthony u Michelina konjugi Magro, Robert u Nathalie ahwa Magro u Carmel u Mariella konjugi Magro jikkontestaw il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-Kont Nru. IV111014 in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond Nru.65 "Casa Rustica" Triq il-Habbiez, Qormi, bis-sahha ta' kuntratt datat 4 ta' Frar 2009, permezz ta' liema qed jigu mitluba jhallsu s-somma ta' €2,350 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €47,000 u is-somma ta' €2,350 bhala taxxa addizzjonali/penali ghall-valur komplessiv ta' €4,700. Permezz ta' dawn l-istess proceduri r-Rikorrenti Joseph u Nazzarena konjugi Cassar ukoll jikkontestaw il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-Kont Nru. IV111015 in konnessjoni mat-trasferiment ta' l-imsemmi fond bis-sahha tal-kuntratt datat 4 ta' Frar 2009, permezz ta' liema qed jigu mitluba jhallsu taxxa addizzjonali ammontanti ghal €2,350.

Ir-Rikorrenti jikkontendu li l-istima maghmula mill-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwentement il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra kull wiehed minnhom huma eccessivi ghaliex: (a) il-proprjetà in kwistjoni kienet f'kundizzjoni dilapidata u kien fiha hafna hsarat; (b) il-Perit naqas milli jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-valur tal-proprjetà fis-suq bejn l-

2008 u l-2009, ossia fiz-zmien tat-trasferiment u fiz-zmien meta sar l-*assessment*, kien baxx hafna u kien niezel drastikament; u (c) il-Perit naqas milli jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-trasferiment in kwistjoni sehh bejn membri ta' l-istess familja. A bazi ta' dawn l-aggravji r-Rikorrenti jitolbu t-thassir u revoka tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra taghhom fil-11 ta' Jannar 2011 rispettivament bil-Kont Nru. IV111014 u IV111015.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra taghhom u jitlob li l-istess jigi michud stante li: (i) preliminarjament it-talba tar-Rikorrenti hija nulla peress illi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mhux versu l-agir tal-Perit mahtur minnu - liema eccezzjoni giet in segwitu irtirata[1]; u stante li (ii) it-talba tar-Rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont pretiz minnu huwa dovut fl-intier tieghu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion datat 4 ta' Frar 2009 Anthony u Michelina konjugi Magro, Robert u Nathalie ahwa Magro u Carmel u Mariella konjugi Magro akkwistaw minghand Joseph u Nazzarenza Cassar il-fond Nru. 65 "Casa Rustica" Triq il-Habbiez, Qormi, versu l-prezz ta' €93,000. In precedenza, wara l-mewt ta' ommhom, huma kienu akkwistaw ukoll il-porzjonijiet ta' huthom Nazzarena Cassar, Josephine Magro, George Magro, Alfred Magro, Michael Magro, Rose Borg u Maria Dolores Galea mill-fond Nru.63 "Johanna" Triq il-Habbiez, Qormi, liema fond jigi sottostanti ghall-fond Nru.65 "Casa Rustica" Triq il-Habbiez, Qormi. Una volta proprietarji taz-zewg fondi imsemmija Anthony u Michelina konjugi Magro, Robert u Nathalie ahwa Magro u Carmel u Mariella konjugi Magro waqqghhom u minflokhom tellgju zvilupp iehor konsistenti f'appartamenti u garages sottostanti. Fis-17 ta' Lulju 2009, meta l-fondi akkwistati kienu twaqqghu u l-izvilupp già kien beda, il-Perit Mario Axisa, il-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-fini li jaghmel stima tal-fond Nru.65 "Casa Rustica", Triq il-Habbiez, Qormi, zamm spezzjoni fuq is-sit u ghamel stima fil-valur ta' €140,000, in segwitu u a bazi ta' liema inhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa hawn kontestati.

Mix-xhieda tal-Perit Mario Axisa[2] jirrizulta li huwa wasal ghall-valur ta' €140,000 billi ha in konsiderazzjoni l-lokalità, il-qies u l-potenzjal tal-fond akkwistat mill-konjugi w ahwa Magro minghand il-konjugi Caassar, li kien *maisonette* fl-ewwel sular bl-arja sovrastanti. Il-Perit Axisa kkonsidra b'mod partikolari l-potenzjal ta' zvilupp fuq is-sit jew ahjar arja okkupata mill-fond in kwistjoni in kwantu dan kien fl-ewwel sular, ghaliex fil-fehma tieghu l-iskop ta' l-akkwist ma kienx il-fond per se imma l-arja okkupata mill-fond ghall-finijiet ta' zvilupp. In effetti fir-rigward huwa xehed: *jiena dak iz-zmien, il-propjetà per se kienet tnehhiet, jigifieri jien ma stajtx naraha, nistma l-*

[1] Vide verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2011.
[2] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2015.

*propjetà fuq dak li kont qed nara ghax dak li jiena kelli nistma kien digà telaq. Jigifieri jiena, bhalma din li rrid niccara, mhux f'dan il-kaz partikulari, ahna jekk jiena gejt biex nara propjetà u ha naghti valur taghha, il-potenzjal taghha din hemm irrid niehdu in consideration, ghax dan jiena jekk jien ghal argument ghandi appartmanet u fuqu ma nista' nibni xejn mod u jekk ghandi appartament u nista' nibni tlett sulari ohra mod iehor. Il-valur ha jvarja, jigifieri l-potenzjal trid tiehdu in consideration u dak li ghamilt jiena. ... Il-parametri johorgu sia mix-xiri jigifieri hawnekk fil-kuntratt hawn imsemmi 256 square metres* [in kontro-ezami kkorega ruhu peress li l-kejl huwa ta' 259m.k.] *biex bniedem taghtih idea, a typical plot hija 170, 175 square metres jigifieri hawnekk qed nitkellmu fuq izjed minn area ta' plot. Tara wkoll il-potenzjal taghha fis-sens ta' kemm-il sular, kemm tista' tohrog appartamenti, tiehu dawn il-fatturi kollha, imbaghad inti tista' tghid u anke hemmekk forsi jibda' jidhol il-like with like, tghid isma' dawn l-appartamenti bhalissa qed jinbieghu dan il-valur. Mela mbaghad inti tista' tibda tohrog bil-valuri tieghek. ... Ahna qed nghidu 259 square metres, plot normali qed nghidu xi 170, 175 square metres, mela jien qed nitkellem fuq xi plot u nofs prattikament, meta jien qed inqabbel ma' plots, il-prezzijiet ta' plots li kienu qed jinbieghu fl-area ta' dik l-area, kienu qed jinbieghu xi ninety thousand maltese, jigifieri jiena kieku kelli niehu l-art kollha minn isfel sa fuq, jien kont nigi b'valur hafna eccessiv aktar minn hundred thousand maltese. Jien hadt mill-first floor il' fuq.*

Kif già iktar 'l fuq osservat il-kontestazzjoni tar-Rikorrenti ghall-istima tal-Perit Mario Axisa u l-konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija bbazata fuq tlett fatturi: (a) it-trasferiment sar bejn membri ta' l-istess familja - fattur dan sollevat anke fl-istadju ta' l-oggezzjoni mill-Likwidazzjonijiet tat-Taxxi kif jirrizulta mill-ittri ta' oggezzjoni datati 22 ta' Ottubru 2009[3] u 15 ta' Dicembru 2009[4]; (b) il-fond in kwistjoni kien fi stat dilapidat - fattur dan li ma jidhirx li ssemma fl-istadju ta' oggezzjoni; u (c) is-suq tal-proprjetà kien fiz-zmien tat-trasferiment niezel drastikament - fattur li wkoll gie sollevat mir-Rikorrenti fl-istdaju ta' oggezzjoni.

In kwantu rigwarda l-pretensjoni tar-Rikorrenti li hu u jaghmel l-istima tal-fond Nru.65 "Casa Rustica" Triq il-Habbiez, Qormi, il-Perit Axisa messu, anzi kellu jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-trasferiment sar bejn membri ta' l-istess familja, l-istess Perit f'minuta lid-Dipartiment datata 28 ta' Novembru 2009 ghamel is-segwenti osservazzjoni: *the property was transferred between two separate parties. It was not donated to son/daughter, and hence does not fall within concession given in such cases. I therefore kindly request that if there is such a concession for price reduction between family members which could apply in this case, I would be informed of it so that the market value be reduced accordingly. In the absence of such a concession, I*

[3] Dok."CSD3A" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Marzu 2011.
[4] Dok."CSD3B" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Marzu 2011.

*reconfirm my valuation as at €140,000 (one hundred and forty thousand Euro)*[5].

It-Tribunal ma jistghax ghajr li jaqbel ma' l-osservazzjoni tal-Perit Axisa u mal-konsegwenti decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur reali tal-fond trasferit sabiex tigi determinata t-taxxa dovuta a tenur ta' l-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, ma gie applikat l-ebda tnaqqis fil-valur tal-proprejtà trasferita in bazi ghar-raguni li t-trasferiment sehh bejn membri ta' l-istess familja.

Fir-rigward tat-taxxa dovuta fuq it-trasferimenti l-Ligi hija cara hafna. L-Artikolu 32(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: *ghandha tithallas fuq kull dokument u fuq kull sentenza, digriet jew ordni ta' kull qorti jew awtorità ohra legittima, li bihom haga immobbli jew xi dritt reali fuq xi immobbli jigi trasferit lil xi persuna u fuq kull dikjarazzjoni maghmula skont l-artikolu 33, ghar-rigward ta' persuni li minnhom jorigina t-trasferiment causa mortis li mietu fi jew wara t-23 ta' Novembru 1999, taxxa ta' hames euro (5) ghal kull mitt euro (100) jew parti minnha* ***ta' l-ammont jew tal-valur ta' dak li jinghata bi hlas tal-haga trasferita jew tal-valur ta' dik il-haga, liema jkun l-akbar***[6]. A tenur tar-Regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 364.06, Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, *il-valur ta' kull proprjetà soggetta ghat-taxxa skond l-Att, mghoddija bi trasferiment inter vivos jew causa mortis,* ***ghandu jkun il-valur ta' dik il-proprjetà fid-data tat-trasferiment inter vivos***[7] *imsemmi jew fid-data tal-mewt tal-persuna li minnha jkun origina t-trasferiment causa mortis, skond il-kaz, (hawnhekk izjed 'il quddiem imsejjha "id-data rilevanti")* ***u dak il-valur ghandu jigi stabbilit skond dawn id-disposizzjonijiet....***[8]

Ir-Regola 3(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 364.06 tipprovdi li *l-valur tal-proprjetà assoluta ta' kull proprjetà fid-data rilevanti ghandu jkun il-prezz medju li dik il-proprjetà kienet iggib li kellha tinbiegh fuq is-suq liberu f'dik id-data, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha li jolqtu lil dik il-proprjetà.* Madanakollu ghal din ir-regola generali hemm is-segwenti eccezzjoni: *izda* ***f'kaz ta' trasferiment b'titolu ta' donazzjoni***[9] *minn persuna lill-konjugi, dixxendenti jew axxendenti fil-linja diretta u l-konjugi relattivi taghhom, u fin-nuqqas ta' dixxendenti lill-ahwa u dixxendenti taghhom,* ***li jakkwistaw il-prorpjetà bil-ghan li jistabilixxu fiha jew jibnu fuqha r-residenza unika w ordinarja taghhom***[10]*, il-valur tal-proprjetà ghandu jitqies li hu tmenin fil-mija tal-valur tas-suq ta' l-art hekk*

---

[5] Dok. "MA1" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Marzu 2012.
[6] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[7] Enfasi tat-Tribunal.
[8] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[9] Enfasi tat-Tribunal.
[10] Enfasi tat-Tribunal.

*trasferita flimkien ma' l-ispiza biex isir il-benefikat fuqha fl-istat hekk trasferit fl-istat li jkun dakinhar tat-trasferiment, jekk ikun hemm.*

Minn qari ta' dan il-provvediment tal-Ligi huwa immedjatament evidenti li l-eccezzjoni ghar-regola generali f'dan il-kaz ma tapplikax ghaliex ghalkemm it-trasferiment sar bejn l-ahwa, dixxendenti u konjugi taghhom, it-trasferiment ma sarx b'titolu ta' donazzjoni u ma sarx ghall-iskop li tigi stabbilita jew mibnija fuqu r-residenza ordinarja w unika ta' min ircieva l-proprjetà. B'hekk ghall-finijiet tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta l-valur reali tal-fond bin-Nru.65 "Casa Rustica" Triq il-Habbiez, Qormi, huwa il-prezz medju li dak il-fond kien igib li kellu jinbiegh fuq is-suq liberu fi Frar 2009 (id-data tat-trasferiment), wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha li jolqtu lill-istess.

Ir-Rikorrenti jikkontendu li l-fond in kwistjoni kien fi stat dilapidat u skonthom tali cirkostanza ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini li jigi stabbilit il-valur reali tal-proprjetà trasferita. Fir-rigward ir-Rikorrent Carmel Magro xehed illi: *Jiena, hija u t-tfal tieghu xtrajna proprjetà sitwata Hal-Qormi minghand ommi u ohti. Il-kwoti huma kif ser nghid: Anthony u Michelina Magro u t-tfal taghhom Robert u Nathalie Magro ghandhom sehem ta' 60% minn din l-proprjetà, filwaqt li jiena u l-mara tieghi Mariella ghandna s-sehem rimanenti ta' 40%. Din il-proprjetà kienet tikkonsisti f'post isfel u f'post fuq. Il-post t'isfel kienet tirrisjedi fih ommi li llum hija mejta, filwaqt li l-post ta' fuq kienet tirrisjedi fih Nazzarena Cassar flimkien mar-ragel taghha Joseph. Dawn iz-zewg postijiet kellhom bzonn ta' maintenance qawwija. Ghal dak li jirrigwarda l-post t'ommi li maghha kienet tghix ukoll ohti xebba Josephine, konna iddecidejna biex ahna l-ahwa ma stajniex nohorgu l-flus biex issir il-maintenance ta' dan il-post. Il-post l-iehor li kien ta' ohti Nazzarena fil-fatt kien aghar minn dak t'ommi. Ittiehdet decizjoni ghalhekk biex huma johorgu minn dawn il-postijiet, nixtruhom jiena u hija fil-kwoti li semmejt biex inwaqqghhom u nibnu fondi ohra minflokhom, senjatament garaxxijiet u appartamenti ohra sovrastanti. Il-post t'ohti li kif spjegajt kien aktar aghar minn dak t'ommi kellu x-xibka tas-saqaf imfaqqa' u dana peress illi fuq ohti kien hemm il-bejt. Kien hemm ukoll il-madum tal-kmamar tal-banju li beda jfaqqa' u kien hemm l-aperturi tal-hadid li wkoll bdew jissaddu u jfaqqa' il-hgieg. Il-conduits tal-elettriku kienu tal-hadid u dawn ukoll kienu bdew isaddu. Fil-fatt qabel ma waqqajna l-post konna hadna ritratti tal-istess. Qed nesebixxi bhala dokument CM1 li huma serje ta' ritratti li jiena kont hadt ta' dan il-post. Dawn ir-ritratti huma principalment rigward is-soqfa u ghandi ritratt minnhom li juri l-aperturi. Dawn juru l-istat hazin li fih kien jinsab il-post. L-ispiza involuta ghat-twaggiegh ta' dawn il-fondi u l-garr tal-materjal, giet ghal madwar Lm4,000. Il-proprjetà sussegwentament giet zviluppata billi inkarigajna terzi persuni. Bhala prezz li ahna offrejna ghall-akkwist ta' dawn il-proprjetajiet ikkunsidrajna l-valur tad-djar biswit li bhal dawn it-tnejn kienu djar fuq u isfel kif ukoll il-fatt li ahna ridna nwaqqghu u nergghu nibnu ghaliex ridna naraw kemm kienet ser tigina worth it il-bicca xoghol kollha. Inzerta li nbieghu d-djar fuq iz-zewg nahat tal-fondi li qed insemmi u dawn inbieghu bejn wiehed u iehor*

*ghall-valur ta' Lm75,000. Hadna in konsiderazzjoni wkoll spejjez ohra li seta' kien hemm. Jiena nikkonferma illi l-prezz dikjarat fil-kuntratt huwa l-prezz veru li ahna tajna ghall-akkwist ta' dawn il-proprjetajiet. Meta gie l-perit tal-Gvern, il-postijiet kien gja mwaqqa u ahna gja konna garrejna t-terrapien. Hu kull ma ra art*[11].

Minkejja dak dikjarat mir-Rikorrent Carmel Magro u mir-Rikorrenti l-ohra Anthony Magro u Nazzarenza Cassar, it-Tribunal ma huwiex sodisfatt bil-livell ta' prova mressqa mir-Rikorrenti in sostenn tal-kontestazzjoni taghhom.

Biex jippruvaw jissostanzjaw l-affermazzjoni taghhom li l-fond Nru.65 "Casa Rustica", Triq il-Habbiez, Qormi, kien fi stat dilapidat ir-Rikorrenti ipprezentaw serie ta' ritratti markati Dok. "CM1"[12] u ressqu bhala xhud lill-Perit George Checuti izda, in verità la dawn ir-ritratti u wisq inqas ix-xhieda tal-Perit Checuti ma jikkonfermaw u jikkoroboraw tali affermazzjoni.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm gew esebiti numru ta' ritratti li skond ir-Rikorrent Carmel Magro juru l-istat tal-fond in kwistjoni fiz-zmien ta' l-akkwist, mill-istess ritratti ma jirrizulta xejn li effettivament jikkonferma li dawk ir-ritratti huma tal-fond in kwistjoni. Dato ma non concesso li dawn ir-ritratti huma tal-fond imsemmi, ix-xhieda tal-Perit George Chetcuti, xhud prodott mill-istess Rikorrenti, serjament tpoggi fid-dubju l-veracità ta' l-affermazzjoni taghhom li l-proprjetà in kwistjoni kienet f'kundizzjoni dilapidata tant illi l-fondi (ossia l-fond mertu ta' dawn il-proceduri u l-fond sottostanti) kellhom jigu demoliti. In effetti in risposta ghall-mistoqsijiet *il-proprjetà in kwistjoni tiftakar il-kondizzjoni li kienet fiha? Bhala stat ta' l-istruttura?* il-Perit Chetcuti xehed illi *l-proprjetà kienet antika, jigifieri kellha fuq 35 sena jekk mhux sejjer zball, kienet mghammra fuq livell baziku. Jigifieri ma kienitx mghammra tajjeb hafna, ma kenitx highly finished, kienet finished b'materjali ta' 40 jew 35 sena ilu, materjali originali. Normali, bazika biex nghid hekk. … Niftakar li kien hemm xi partijiet, ezempju fis-soqfa kien hemm sinjali li juru li kien hemm xi penetrazzjoni ta' ilma u hekk bhal spilling. …* U in risposta ghall-mistoqsija *però kien kaz ta' demolizzjoni, daqshekk gravi jew mhux daqshekk?* il-Perit Chetcuti rrisponda ***le ma niftakarx li kien f'kaz daqshekk hazin***[13].

Apparte minn hekk jigi osservat ukoll li ghalkemm ir-Rikorrent Anthony Magro iddikjara li *l-Perit li konna nkarigajna kien il-Perit George Chetcuti li huwa habib personali taghna u fil-fatt l-prezz li stmalna l-post bih kien l-istess prezz iddikjarat fil-kuntratt*[14], il-Perit Chetcuti xehed illi *jien habib personali tal-familja Magro, kien avvicinani Tony u kien talabni opinjoni ta' valur ta' din il-proprjetà, li kienet tikkonsisti f'maisonette isfel u iehor fuq,*

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju 2011.
[12] Esebiti minn Carmel Magro waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju 2011.
[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2011.

*biex nghid hekk kienet saret b'mod fuq livell ta' amicizzja, jigifieri kont mort fuq il-post, hadt qisien bazici u tajtu opinjoni ta' kemm kienet tiswa dak iz-zmien.* In risposta ghall-mistoqsija *tiftakar, ghandek amment x'kien il-valur?* il-Perit Chetcuti rrisponda *ma niftakarx x'kienet il-figura li kont tajtu dak iz-zmien. Dan qed nitkellmu xi 2008 jekk minix sejjer zball. Ma niftakarx il-figura ezatta kemm kienet* u in risposta ghall-mistoqsija *int kont hrigt certifikat?* il-Perit irrisponda *le, ma kienitx saret fuq livell ufficjali. Kont mort hemm hadt qisien bazici u tajtu l-opinjoni tieghi verbalment*[15].

Ir-Rikorrent Carmel Magro ddikjara wkoll illi *bhala prezz li ahna offrejna ghall-akkwist ta' dawn il-proprjetajiet ikkunsidrajna l-valur tad-djar biswit li bhal dawn it-tnejn kienu djar fuq u isfel kif ukoll il-fatt li ahna ridna inwaqqghu u nergghu nibnu ghaliex ridna naraw kemm kienet ser tigina worth it il-bicca xoghol kollha. Inzerta li nbieghu d-djar fuq iz-zewg nahat tal-fondi li qed insemmi u dawn inbieghu bejn wiehed u iehor ghall-valur ta' Lm75,000.* .... izda r-Rikorrenti ma ressqu l-ebda prova konkreta – prova li f'kaz ta' trasferiment ta' proprjetà setghet facilment tigi prodotta – li turi li bhala fatt id-djar fuq iz-zewg nahat tal-fond in kwistjoni gew trasferiti ghall-valur ta' Lm75,000.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li r-Rikorrenti naqsu milli jissodisfaw l-oneru tal-prova impost fuqhom bil-Ligi, senjatament l-oneru li jippruvaw li l-istimi mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma eccessivi[16]. In effetti fil-fehma tat-Tribunal fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-istima tal-Perit Mario Axisa ta' €140,000 hija wahda gusta in kwantu kif minnu gustament osservat u kkunsidrat l-akkwist/trasferiment ma kienx ghall-fond *per se* izda iktar ghall-arja okkupata minn tali fond u l-potenzjal taghha li tigi zviluppata, kif fil-fatt gara.

Jigi in fine osservat li ghalkemm ir-Rikorrenti jikkontendu li l-istima tal-Perit Axisa hija ezagerata ghaliex skonthom ma hax in konsiderazzjoni l-fatt li s-suq tal-proprjetà kien, fiz-zmien tat-trasferiment, niezel drastikament, mix-xhieda ta' l-istess Perit jirrizulta li dan ma huwiex minnu. In effetti mistoqsi fir-rigward il-Perit Axisa kkonferma li s-suq ta' l-appartamenti – u dana fid-dawl tal-potenzjal tal-fond in kwistjoni konfermat proprio mill-izvilupp li kien qed isir – kien dak iz-zmien *beda ha jibda niezel*[17]. Kif già iktar 'l fuq osservat ir-Rikorrenti ma ressqux provi li sodisfacentement jissosstanzjaw l-aggravji taghhom, inkluz dan l-ahhar aggravju dwar l-istat tas-suq tal-proprjetà fiz-zmien tat-trasferiment, u ghaldaqstant fil-fehma tat-Tribunal l-appell taghhom ma jirrizultax li huwa gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2012.
[16] Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2012.

Kummissarju tat-Taxxi Interni datati 11 ta' Jannar 2011 bin-Numri ta' Referenza IV111014 u IV 111015 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrenti *in solidum* bejniethom.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**